

leġislazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi spejjeż minimi tal-operat fis-settur tat-trasport bit-triq li jinvolvu l-iffissar, permezz ta' fatturi esterni, ta' element kostituttiv tar-remunerazzjoni għas-servizz u, għalhekk, tal-prezz kuntrattwali?

(2) Limitazzjonijiet għall-imsemmija prinċipji jistgħu jkunu ġġustifikati, u taħt liema kundizzjonijiet, mill-ħtieġa li jiġi ssalvagwardat l-interess pubbliku tas-sigurtà fit-toroq, u dan l-għan jista' jiġġustifika l-iffissar ta' spejjeż minimi tal-operat kif jipprovdu r-regoli stabbiliti bl-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat?

(3) F'din il-perspettiva, l-iffissar ta' spejjeż minimi tal-operat jista' jsir permezz ta' ftehim settorjali konklużi bejn l-operaturi kkonċernati u, sussidjarjament, permezz ta' organi magħmula fil-parti l-kbira tagħhom minn persuni li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi privati tas-settur, fl-assenza ta' kriterji stabbiliti minn qabel fuq livell leġislattiv?

(2) Limitazzjonijiet għall-imsemmija prinċipji jistgħu jkunu ġġustifikati, u taħt liema kundizzjonijiet, mill-ħtieġa li jiġi ssalvagwardat l-interess pubbliku tas-sigurtà fit-toroq, u dan l-għan jista' jiġġustifika l-iffissar ta' spejjeż minimi tal-operat kif jipprovdu r-regoli stabbiliti bl-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat?

(3) F'din il-perspettiva, l-iffissar ta' spejjeż minimi tal-operat jista' jsir permezz ta' ftehim settorjali konklużi bejn l-operaturi kkonċernati u, sussidjarjament, permezz ta' organi magħmula fil-parti l-kbira tagħhom minn persuni li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi privati tas-settur, fl-assenza ta' kriterji stabbiliti minn qabel fuq livell leġislattiv?

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fil-15 ta' April 2013 — Confederazione generale dell'industria italiana (Confindustria) et vs Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti, Ministero dello Sviluppo Economico**

(Kawża C-195/13)

(2013/C 207/15)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Confederazione generale dell'industria italiana (Confindustria) et

*Konvenuti:* Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti, Ministero dello Sviluppo Economico

#### Domandi preliminari

(1) Il-protezzjoni tal-kompetizzjoni libera, tal-moviment liberu tal-impriżi, tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovvuti servizzi (previsti fl-Artikolu 4(3) TUE u fl-Artikoli 101, 49, 56 u 96 TFUE) hija kompatibbli, u sa fejn, ma' leġislazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi spejjeż minimi tal-operat fis-settur tat-trasport bit-triq li jinvolvu l-iffissar, permezz ta' fatturi esterni, ta' element kostituttiv tar-remunerazzjoni għas-servizz u, għalhekk, tal-prezz kuntrattwali?

#### Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-196/13)

(2013/C 207/16)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Alcover San Pedro u D. Recchia, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Taljana

#### Talbiet

— tiddikjara li, peress li ma addottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fis-26 ta' April 2007, fil-Kawża C-135/05, li fiha ġie deċiż li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 4, 8 u 9 tad-Direttiva 75/442/KEE <sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 91/156/KEE <sup>(2)</sup>, tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE <sup>(3)</sup> tat-12 ta' Diċembru 1991 fuq skart perikoluż, u tal-Artikolu 14(a) sa (c), tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE <sup>(4)</sup>, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE;

— tikkundanna lir-Repubblika Taljana li tħallas lill-Kummissjoni multa li tammonta għal EUR 256 819,2 kull jum, għad-dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-Kawża C-135/05, li jibdeu jiddekorru mill-jum tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża sal-jum tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-Kawża C-135/05;